31972L0166

2.5.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 103/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta'April 1972
dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

(72/166/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Billi l-għan tat-Trattat huwa li joħloq suq komuni li jkun bażikament simili għal suq domestiku, u billi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali biex dan jintlaħaq hi li jseħħ il-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni;

Billi l-uniku skop għal kontrolli fuq il-fruntieri ta' assigurazzjoni obbligatorja ta' kopertura kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur hija li jkun hemm salvagwardja għall-interessi ta' persuni li jistgħu ikunu vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi; billi l-eżistenza ta' dawn il-kontrolli fil-fruntieri tirriżulta minn disparitajiet bejn il-ħtiġijiet nazzjonali f'dan il-qasam;

Billi dawn id-disparitajiet jistgħu jfixklu l-moviment liberu ta' vetturi bil-mutur u persuni fil-Komunità; billi, konsegwentement, dawn għandhom effett dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni;

Billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ġunju 1968 dwar il-kontroll doganali ta' vjaġġaturi li jaqsmu l-fruntieri intra-Komunitarji titlob lill-Istati Membri biex iwettqu kontrolli fuq vjaġġaturi u l-vetturi bil-mutur tagħhom biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u li jneħħu l-barrieri fiżiċi fil-kollokamenti doganali;

Billi huwa mixtieq li l-abitanti ta' l-Istati Membri għandhom isiru aktar konxji tar-realtà tas-suq komuni u li għal dan l-iskop għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu lliberalizzati iktar ir-regoli rigward il-moviment ta' persuni u vetturi bil-mutur li jivjaġġaw bejn Stati Membri; billi l-ħtieġa għal dawn il-miżuri kienet ripetutament enfasizzata minn membri tal-Parlament Ewropew;

Billi dan ir-rilassament tar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' moviment ta' vjaġġaturi jikkonstitwixxi pass ieħor lejn il-ftuħ reċiproku tas-swieq tagħhom minn Stati Membri u l-holqien ta' kundizzjonijiet simili għal dawk tas-suq domestiku;

Billi t-tneħħija ta' kontrolli tal-kartolini ħodor għal vetturi normalment ibbażati fi Stat Membru li jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tista' tkun effettwata permezz ta' ftehim bejn is-sitt *bureaux* nazzjonali ta' l-assiguraturi, fejn kull *bureau* nazzjonali kien jiggarantixxi kumpens skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali fir-rigward ta' xi telf jew inġurja li hu intitolat għal kumpens ikkawżat fit-territorju tiegħu minn waħda minn dawk il-vetturi, kemm jekk assigurata u kemm jekk le;

Billi din il-garanzija tippresupponi li l-vetturi bil-mutur Komunitarji kollha li jivjaġġaw fit-territorju tal-Komunità huma koperti b'assigurazzjoni; billi l-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru għandha, għalhekk, tipprovdi għall-assigurazzjoni obbligatorja ta' vetturi kontra impenn ċivili, u l-assigurazzjoni għandha tkun valida fit-territorju kollu tal-Komunità; billi din il-liġi nazzjonali tista' madankollu tipprovdi għal eżenzjonijiet għal ċerti persuni u għal ċerti tipi ta' vetturi;

Billi s-sistema prevista f'din id-Direttiva tista' tiġi estiża għal vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' kull pajjiż mhux membru li fir-rigward tiegħu l-*bureaux* nazzjonali tas-sitt Stati Membri jkunu kkonkludew ftehim simili;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur intiża għal vjaġġi bl-art u mmexxija minn qawwa mekkanika, imma li ma timxix fuq il-linji, u kull karru, kemm jekk aganċjat u kemm jekk le;

2. "il-parti inġurjata" tfisser kull persuna ntitolata għal kumpens fir-rigward ta' telf jew inġurja kkawżata minn vetturi;

3. "il-*bureau* nazzjonali ta' l-assiguraturi" jfisser organizzazzjoni professjonali li tkun ikkonstitwita skond ir-Rakommandazzjoni Nru 5 adottata fil-25 ta' Jannar 1949 mis-Sub-Kumitat għat-Trasport bit-Triq tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjoni Uniti u li tiġbor flimkien impriżi ta' l-assigurazzjoni li, fi Stat, huma awtorizzati li jikkonduċu negozju dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra r-responsabbiltà ċivili;

4. "territorju li fih il-vettura normalment tkun ibbażata" jfisser

   — it-territorju ta' l-Istat li fih il-vettura tkun irreġistrata; jew

   — fil-każijiet meta l-ebda reġistrazzjoni ma tkun meħtieġa għal tip ta' vettura imma l-vettura jkollha pjanċa ta' l-assigurazzjoni, jew sinjal li jiddistingwiha analogu għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni, it-territorju ta' l-Istat li fih il-pjanċa ta' l-assigurazzjoni jew is-sinjal ikun maħruġ; jew

   — fil-każijiet meta la l-pjanċa tar-reġistrazzjoni u lanqas il-pjanċa li tiddistingwiha ma tkun meħtieġa għal ċerti tipi ta' vetturi, it-territorju ta' l-Istat li fih il-persuna li jkollha l-kustodja tal-vettura tkun residenti permanenti;

5. "kartolina ħadra" tfisser iċ-ċertifikat internazzjonali ta' l-assigurazzjoni maħruġ f'isem *bureau* nazzjonali skond ir-Rakkomandazzjoni Nru 5 adottaa fil-25 ta' Jannar 1949 mis-Sub-kumitat tat-Trasport bit-Triq tal-Kumitat għat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjoni Uniti.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jwettqu kontrolli fuq assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili rigward vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jagħmlu dawn il-kontrolli ta' l-assigurazzjoni fuq vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' pajjiż mhux membru li jidħlu fit-territorju tagħhom mit-territorju ta' Stat Membru ieħor. L-Istati Membri, jistgħu, madankollu jwettqu kontrolli każwali.

2. F'dak li jirrigwarda vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 3 u 4, għandhom jidħlu fis-seħħ:

— wara li ftehim ikun ġie konkluż bejn is-sitt *bureaux* nazzjonali ta' assiguraturi skond it-termini li kull *bureau* nazzjonali jiggarantixxi s-sodisfazzjon tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tiegħu proprja dwar l-assigurazzjoni obbligatorja, ta' talbiet fir-rigward ta' inċidenti li jseħħu fit-territorju tiegħu, ikkaġunati minn vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, kemm jekk dawn il-vetturi huma assigurati u kemm jekk le;

— mid-data stabbilita mill-Kummissjoni, malli hi tkun aċċertat f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri li ftehim bħal dan ikun ġie konkluż;

— għat-tul ta' dak il-ftehim.

L-Artikolu 3

1. Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 4, jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li l-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jkopri wkoll:

— skond il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, kull telf jew inġurja kkawżata fit-territorju ta' dawk l-Istati;

— kull telf jew inġurja sofferta minn ċittadini ta' Stati Membri tul vjaġġ dirett bejn żewġ territorji li fihom it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea jkun fis-seħħ, jekk ma jkun hemm l-ebda *bureau* nazzjonali ta' l-assiguraturi responsabbli għat-territorju li jkun qed jinqasam; f'dak il-każ, it-telf jew inġurja għandha tkun koperta skond il-liġijiet interni dwar l-assigurazzjoni obbligatorja fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun normalment ibbażata.

L-Artikolu 4

Stat Membru jista' jaġixxi b'deroga ta' l-Artikolu 3 fir-rigward ta':

(a) ċerti persuni fiżiċi jew legali, pubbliċi jew privati; il-lista ta' dawn il-persuni għandha titfassal mill-Istat ikkonċernat u kkomunikat lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Stat Membru li jidderoga hekk għandu jieħu l-mużuri approprjati biex jassigura li jitħallas kumpens fir-rigward ta' xi telf jew inġurja kkawżata fit-territorju ta' Stati Membri oħrajn minn vetturi li jappartienu għal dawn il-persuni. Għandu jinnomina b'mod partikolari awtorità jew korp fil-pajjiż fejn it-telf jew l-inġurja sseħħ li jkun responsabbli għall-kumpens tal-partijiet inġurjati skond il-liġijiet ta' dak l-Istat f'każijiet meta l-proċedura prevista fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2(2) ma tkunx applikabbli. Għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda;

(b) ċerti tipi ta' vetturi jew ċerti vetturi li jkollhom pjanċa speċjali; il-lista ta' dawn it-tipi jew ta' dawn il-vetturi għandha titfassal mill-Istat ikkonċernat u tiġi kkomunikata lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni.

F'dak il-każ, l-Istati Membri l-oħrajn għandhom iżommu d-dritt li jeħtieġu, mad-dħul fit-territorju tagħhom ta' din il-vettura, li l-persuna li jkollha l-kustodju tagħha jkollha fil-pussess tagħha kartolina ħadra valida jew li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' assigurazzjoni fil-fruntiera li jkun konformi mal-ħtiġiet ta' l-Istat Membru kkonċernat.

L-Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jassigura li, meta inċident fit-territorju tiegħu ikun ikkawżat minn vettura li normalment hija bbażata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, il-*bureau* nazzjonali ta' l-assiguraturi għandu, mingħajr preġudizzju għall-obbligu msemmi fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2(2), jottieni informazzjoni:

— dwar it-territorju li fih il-vettura tkun normalment ibbażata, u dwar il-marka tar-reġistrazzjoni tagħha, jekk ikun hemm;

— safejn ikun possibli, dwar id-dettalji ta' l-assigurazzjoni tal-vettura, kif dawn normalment jidhru fuq il-kartolina ħadra, li jkunu fil-pussess tal-persuna li jkollha l-kustodja tal-vettura, safejn dawn id-dettalji huma meħtieġa mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura normalment tkun ibbażata.

Kull Stat Membru għandu wkoll jassigura li l-*bureau* jikkomunika din l-informazzjoni lill-*bureau* nazzjonali ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu il-vettura tkun normalment ibbażata.

L-Artikolu 6

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' pajjiż mhux membru jew f'territorju mhux Ewropew ta' Stat Membru li jidħlu fit-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea jkun fis-seħħ m'għandhomx jintużaw fit-territorju tiegħu sakemm xi telf jew inġurja ikkawżata minn dawk il-vetturi ma tkunx koperta, skond il-ħtiġiet tal-liġijiet ta' l-Istati Membri varji dwar l-assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi, matul it-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea jkun fis-seħħ.

L-Artikolu 7

1. Kull vettura normalment ibbażata fit-territorju ta' pajjiż mhux membru jew fit-territorju mhux Ewropew ta' Stat Membru għandha, qabel ma tidħol fit-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea jkun fis-seħħ, tkun ipprovduta jew b'kartolina ħadra valida jew b'ċertifikat ta' assigurazzjoni tal-fruntiera li jistabbilixxi li l-vettura hi assigurata skond l-Artikolu 6.

2. Madankollu, vetturi normalment ibbażati f'pajjiż mhux membru għandhom ikunu ittrattati bħal vetturi normalment ibbażati fil-Komunità jekk il-*bureaux* nazzjonali kollha ta' l-Istati Membri jiggarantixxu flimkien, kull wieħed skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali proprja tiegħu dwar assigurazzjoni obbligatorja, sodisfazzjon ta' talbiet fir-rigward ta' inċidenti li jseħħu fit-territorju tagħhom ikkaġunati minn dawn il-vetturi.

3. Malli jkun ġie aċċertat, b'kooperazjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, li l-obbligi msemmija fil-paragrafu preċedenti jkunu ġew assunti, il-Kummissjoni għandha tiffissa d-data li minnha u t-tipi ta' vetturi li dwarhom l-Istati Membri m'għandhomx aktar jeħtieġu l-produzzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1973, iġibu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

L-Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta'April 1972.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN